

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Ottubru 2008
— SGL Carbon vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-68/04) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-prodotti abbażi ta' karbonju u grafitu għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Gravità u tul tal-ksur — Prinċipju ta' proporzjonalità — Prinċipju ta' trattament ugwali — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Interessi moratorji”)

(2008/C 301/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: SGL Carbon AG (Wiesbaden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Klusmann u A. von Bonin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u W. Mölls, aġenti, assistiti minn H.-J. Freund, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/420/KE, tat-3 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża C.38.359 — Prodotti abbażi ta' karbonju u grafitu għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi), u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti mid-deċiżjoni msemmija.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) SGL Carbon AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 30.4.2004.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Ottubru 2008
— Schunk u Schunk Kohlenstoff-Technik vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-69/04) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-prodotti abbażi ta' karbonju u grafitu għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi — Eċċezzjoni ta' illegalità — Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 — Attribwibbiltà ta' imġiba illegali — Linji gwida għall-kalkolu ta' l-ammont tal-multi — Gravità u effett tal-ksur — Effett dissważiv — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Prinċipju ta' proporzjonalità — Prinċipju tat-trattament ugwali — Kontrotalba għal żieda fl-ammont tal-multa”)

(2008/C 301/47)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Schunk GmbH (Thale, il-Ġermanja) u Schunk Kohlenstoff-Technik GmbH (Heuchelheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: l-ewwel R. Bechtold u S. Hirsbrunner, wara R. Bechtold, S. Hirsbrunner u A. Schädle, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel F. Castillo de la Torre u H. Gading, wara F. Castillo de la Torre u M. Kellerbauer, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/420/KE, tat-3 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża C.38.359 — Prodotti abbażi tal-karbonju u tal-grafita għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi), kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis ta' l-ammont tal-multa imposta lir-rikorrenti minn din id-deċiżjoni u min-naħa l-oħra, kontrotalba min-naħa tal-Kummissjoni intiża għaż-żieda tal-ammont tal-imsemmija multa.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.